MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 176/2008

Kawza fil-lista: 29

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Illi l-attrici u l-konvenut m' humiex mizzewgin;

Illi l-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom u frott ta' din ir-relazzjoni twieldet fid-29 ta' Gunju, 2006 tarbija bl-isem ta' E (Dok. A);

Illi l-konvenut, minkejja li gie interpellat diversi drabi, qed jirrifjuta li jirrikonoxxi lit-tarbija u konsegwentement m' huwiex qed jissomministra manteniment skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex tiddikjara u tiddeciedi illi:

1. Il-konvenut huwa missier it-tarbija frott ir-relazzjoni bejn il-partijiet u dana bl-opra ta' periti nominandi;

2. Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat minn din il-Qorti li jissomministra lill-attrici ghall-minuri dik ir-retta alimentarja li tigi ffissata minn din il-Qorti u bil-modalitajiet ukoll hekk iffissati;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt in subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat, ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA, mahluf mit-tabib Dottor Renald Blundell;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li bintha E li twieldet fid-29 ta' Gunju 2006 hija l-wild naturali tal-konvenut C Degiorigo; u qeda titlob ukoll li l-istess konvenut jissomministra lilha retta alimentarja ghall-imsemmija bintha.

Illi dan il-gudizzju huwa limitati ghall-ewwel talba maghmula mill-attrici.

[1] Fol.32 *et seq.*

**Il-Fatti**

Illi mill-provi mhux kontraddetti jirrizulta s-segwenti. F' Awissu 2005 l-attrici saret taf lill-konvenut; u f' Settembru dawn bdew johorgu flimkien u jkollhom relazzjonijiet intimi, bir-rizultat li f' Ottubru l-attrici skopriet li kienet harget tqila mill-istess konvenut.

L-attrici spjegat li, ghalkemm fir-relazzjonijiet intimi l-partijiet ma kienux jiehdu prekawzjonijiet b' mezzi artificjali, izda l-konvenut kien joqghod attent billi jirtira fl-ahhar. Tghid, li pero' kien hemm okkazjoni partikolari, meta kienu marru tieg u kienu xorbu t-tnejn kemm huma, li l-konvenut baqa' ghaddej fl-att taz-zwieg, bir-rizultat li l-attrici harget tqila.

Illi meta l-attrici nfromat lill-konvenut bit-tqala, dana insista li jsiru t-testijiet; u ghalhekk fit-22 ta' Lulju 2006 iz-zewg partijiet, flimkien mat-tifla, marru ghand Dottor Blundell li ha l-kampjuni relattivi minn fuq il-persuna taghhom sabiex isiru t-testijiet tad-DNA fuqhom. Ir-rizultanzi tat-testijiet ikkonfermaw li l-konvenut C D huwa l-missier naturali tat-tifla E.

Illi fid-deposizzjoni taghha l-attrici tikkonferma li minn mindu bdiet ir-relazzjoni mal-konvenut f' Settembru 2005 hija kellha relazzjonijiet intimi esklussivament mal-konvenut. Tghid li meta f' Ottubru l-konvenut sar jaf li kienet harget tqila huwa ittermina hesrem ir-relazzjoni ta' bejniethom; izda l-attrici, anke matul it-tqala, ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra.

Illi sussegwentement, fuq insistenza ta' l-attrici u ta' missierha, sabiex il-konvenut jirrikonoxxi r-responsabbilitajiet tieghu fil-konfront tat-tifla E, allura bintu, huwa kien trasferixxa zewg ammonti ta' flus minn kont bankarju tieghu ghal fuq l-attrici biex tuzahom ghat-tifla, kif jirrizulta mid-dokumenti bankarji prezentati. Fid-9 ta' Settembru 2006 il-konvenut kien trasferixxa s-somma ta' LM150, u fl-4 ta' Gunju 2007 trasferixxa s-somma ta' LM500.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici, kemm fl-affidavit taghha, kif ukoll fid-depozizzjoni taghha quddiem din il-Qorti, ma gietx kontraddetta bl-ebda mod; u di piu' issib konfort fir-rizultanzi tat-testijiet tad-DNA, u anke fix-xhieda ta' missierha, u l-prova dokumentali prodotta rigwardanti t-trasferiment tal-flus mill-kont bankarju tal-konvenut ghall-kont bankarju ta' l-attrici.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li l-ewwel talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Illi in kwantu ghat-tieni talba, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

[1] Illi fl-ewwel lok il-partijiet ghandhom imorru ghal medjazzjoni skond ir-regolament 9 ta' l-Avviz Legali 397/2003;
[2] Illi fit-tieni lok, mhuwiex fl-interess tal-minuri li dina tibqa' registrata fuq l-att tat-twelid taghha bhala bint mhux maghruf, kif jirrizulta mid-dokument A[2], meta fil-fatt jirrizulta li missierha huwa l-konvenut. Ghaldaqstant qabel ma' din il-Qorti tiddecidi dwar it-tieni talba, l-attrici nomine ghandha tirregola ruhha f' dan ir-rigward, anke billi titlob il-kjamata fil-kawza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan jigi ordnat jikkorreggi l-att tat-twelid tal-minuri.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-attur C D huwa l-missier naturali tat-tifla E li twieldet mill-attrici fid-29 ta' Gunju 2006.

L-ispejjez kollha ta'dan il-gudizzju ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

Tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza, wara li l-attrici nomine tirregola ruhha kif fuq indikat, u wara li, sussegwentement, il-partijiet imorru ghal medjazzjoni.

---

[2] Fol.4

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------